2 ta' Diċembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Camilleri ne. et. *versus* Vincent Mamo pr. et ne.**

## Falliment — Kompensazzjoni — Art. 1239 u 1240 tal-Kodiċi Ċivili.

*L-attijiet magħmula minn kummerċjant wara ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, attwali jew prossima, imma qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment, magħmula minnu stess jew mill-Qorti, huma distinti f'żewġ klassijiet. L-ewwel klassi tirrigwarda l-obligazzjonijiet u kull att ieħor tal-fallut b'titolu gratuwitu; liema attijiet huma nulli "di pieno diritto". It-tieni klassi tikkomprendi l-attijiet b'titolu oneruż u l-pagamenti magħmulin mid-debitur qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment; liema attijiet huma annullabili meta jikkonkorru karattri ta' dolo anki da parti ta' l-interessat.*

*Il-kompensazzjoni konvenzjonali tidħol fit-tieni klassi ta' l-attijiet hawn imsemmija, għax tikkostitwixxi att tal-fallut; imma l-liġi kummerċjali ma tidderogax għan-norma tal-Kodiċi Ċivili relativament għall-kompensazzjoni legali. Dik li hija kolpita hija l-kom-*

*pensazzjoni konvenzjonali, u mhux il-kompensazzjoni legali.*

*Għaldaqstant jekk bejn il-fallut u debitur tiegħu tkun ivverifikat ruħha kompensazzjoni legali qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment, dik il-kompensazzjoni sseħħ, u d-debitur tal-fallut ma jistax jiġi kundannat iħallas id-dejn tiegħu lejn il-fallut li ġie estint bis-saħħa ta' dik il-kompensazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi talbu illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur Joseph Camilleri nomine s-somma ta' £37. 15. 3, prezz ta' merċi lill-istess konvenut ġa mogħtija in konsenja mill-fallut Grixti, u mill-istess konvenut mibjugħa u mingħajr ma ħallas il-prezz relativ, kif jirriżulta mid-dokument "A" miġjub ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tad-9 ta' Ottubru 1953 u ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju ta' l-istess sena, u bl-imgħax kummerċjali minn din l-aħħar data;

Rat id-dokument fuq riferit;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi t-talba mhix fondata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, billi bejnu u bejn l-imsemmi Grixti saret kompensazzjoni legali; għaliex fil-waqt li hu kien debitur fis-somma fuq indikata lejn l-istess Grixti, dan kien debitur lejh fis-somma ta' £34. 1. 1. prezz ta' xogħol f'installazzjoni elettrika, u kwindi huwa baqgħalu jagħti £3. 14. 2 biss;

*Omissis;*

**Tikkunsidra;**

Illi, kif jirriżulta mill-verbal in data 13 ta' Novembru 1953 (fol. 9), l-atturi nomine jammettu li l-konvenut għamel xogħlijiet għall-imsemmi Grixti li l-valur tagħhom jammonta għas-somma indikata fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet;

L-istess atturi, però, jirritjenu illi l-kompensazzjoni invokata hija nulla, għaliex saret fi żmien posterjuri għaċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, attwali jew prossima;

*Tikkunsidra;*

Illi, kif jirriżulta mill-provi, fil-15 ta' Lulju 1952 l-imsemmi Grixti kien debitur tal-konvenut fis-somma fuq riferita ta'

£34. 1. 1, u fl-istess ħin kien kreditur ta' l-istess konvenut fis-somma fuq indikata ta' £37. 15. 3;

Tikkunsidra;

Illi meta żewġ persuni huma debituri l-waħda lejn l-oħra, hemm lok ta' kompensazzjoni bejniethom; u din il-kompensazzjoni ssir "ipso jure", u anki ad insaputa tad-debitur. Fil-mument li fih żewġ djun, li għandhom ugwalment bħala oġġett somma ta' flus jew determinata kwantità ta' ħwejjeġ fungibili ta' l-istess speċi, u li huma ugwalment likwidi u eżiġibili, jeżistu kontemporaneament, dawk id-debiti jiġu reċiprokament estinti għall-kwoti korrispondenti (art. 1239 u 1240 tal-Kodiċi Ċivili);

Tikkunsidra;

Illi, skond il-liġi kummerċjali, l-attijiet magħmulin mill-kummerċjant wara ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, attwali jew prossimi, imma qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment magħmula minnu stess jew mill-Qorti, huma distinti f'żewġ klassijiet. L-ewwel waħda tirrigwarda l-obligazzjonijiet u kull att ieħor tal-fallut b'titolu gratuwitu, kompriżi r-rinunzji għal kull xorta ta' suċċessjoni jew għal preskrizzjonijiet akkwistati, u dawn l-attijiet huma nulli "di pieno diritto" relativament għall-massa tal-kredituri, tkun xi tkun ix-xorta tagħhom, anki jekk l-interessat ikun "in buona fede". Din in-nullità, kif jirrijenu l-maġġur parti tal-ġuristi, hija applikazzjoni, b'xi partikularitajiet speċjali, ta' l-azzjoni revokatorja, regolata fil-Kodiċi Ċivili tagħna mill-art. 1187, in kwantu d-debitur, li jkun fi stat ta' ċessazzjoni tal-pagamenti, jaf u għandu jkun jaf li ma jistax jiddiminwixxi l-garanzija tal-kredituri tiegħu, u lanqas jaltera l-"par condicio creditorum". It-tieni ta' l-imsemmijin żewġ klassijiet tikkomprendi l-attijiet b'titolu oneruż u l-pagamenti magħmulin mid-debitur qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment, magħmula mill-istess debitur jew mill-Qorti. Dawn l-attijiet huma annullabili, meta jikkonkorru karatteri ta' dolo anki da parti ta' l-interessat; u d-dolo hu preżunt fl-interessat meta dana kellu konjizzjoni tal-falliment jew taċ-ċirkustanzi li jinduċu lil wieħed biex jiddikjarah. Ċertament mhux biżżejjed li jiġi pruvat illi l-interessat kellu xi dubju dwar l-istat tal-kontraent l-ieħor, l-għaliex mill-kelma

tal-liġi jidher ċar li fl-interessat għandha tiġi riċerkata x-xjenza tal-falliment jew ta' ċirkustanzi li jagħtu lok għad-dikjarazzjoni tal-falliment; u meta għandu jiġi mfittex it-tagħrif, ċertament it-tħassib mhux biżżejjed;

**Tikkunsidra;**

Illi meta d-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prinċipji fuq enunċjati jiġu applikati għall-kompensazzjoni, li hija wieħed mill-modi ta' pagament tad-debiti, għandu jiġi, kwindi, ritenut illi l-kompensazzjoni *konvenzjonali tidħol fit-tieni klassi ta'* attijiet fuq riferiti, għaliex tikkostitwixxi att tal-fallut; imma l-liġi kummerċjali ma tidderogax għan-norma tal-Kodiċi Ċivili relativament għall-kompensazzjoni legali. Dik li hija kolpita, għar-raġuni li ġiet indikata, hija l-kompensazzjoni konvenzjonali, u mhux dik il-kompensazzjoni li skond l-art. 1239 (2) tal-Kodiċi Ċivili *tivverifika ruħha bejn żewġ krediti* likwidi u eżiġibili. Dina infatti ssir "ope legis", u testingwi "di diritto" ż-żewġ krediti sal-ammontar rispettiv;

Illi, għalhekk, jekk il-kompensazzjoni, kif fil-każ preżenti, hija l-konsegwenza ta' l-akkwist ta' kreditu eżiġibili magħmul minn min hu debitur lejn il-fallut wara ċ-ċessazzjoni tal-pagamenti, imma qabel il-falliment, dik il-kompensazzjoni hija indubbjament operativa, għaliex teffettwa ruħha indipendentement mill-akkordju mal-fallut;

Għall-motivi premessi;

Tilqa' l-eċċezzjoni, u kwindi tilqa' t-talba ta' l-atturi nomine limitatament għas-somma ta' £3. 14. 2, bl-interessi kummerċjali mit-30 ta' Lulju 1953; u tiċħad l-istess talba għall-bqija; u tordna illi l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza.